Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 5

L-EWWEL LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 5

L-Erbgħa 27 ta' April, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta' (onlajn)
Is-Sur Noel Muscat – Sindku Swieqi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur

ASSENTI

Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Il-President beda billi feraħ lis-Sur Keith Tanti li kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Pietà wara li fl-elezzjoni ġenerali kien ġie elett u maħtur bħala Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Is-Sur Chircop ta merħba lis-Sindku l-ġdid tal-Pietà, lis-Sa Zoya Attard, li għal din il-laqgħa kienet qed tattendi b'mod virtwali minħabba li għandha tirritorna lura lejn Malta fl-aħħar ta' dan ix-xahar.

Il-President awgura wkoll lis-Sindku ta' Tas-Sliema, lis-Sa Graziella Attard Previ, li kienet ġiet eletta fil-Parlament ta' Malta u ta' merħba lis-Sur John Pillow li ser ikun maħtur Sindku fil-ġranet li ġejjin.

Il-President informa lill-membri li dan ir-Reġjun bagħat ittri ta' awgurju f'isem ir-Reġjun lill-Onor. Owen Bonnici u lill-Onor. Alison Zerafa Civelli kif ukoll intbagħtet ittra ta' ringrazzjament lil dawk is-Sindki fi ħdan ir-Reġjun li kkontestaw l-elezzjoni ġenerali u kif l-eżitu ta' dan il-proċess ma kienx kif mixtieq.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, u mingħand is-Sindku ta' Għargħur, Sa. Helen Gauci, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

5.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittri ta' apoloġiji mressqa.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 4 li saret nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

5.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, u sekondati mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech.

5.2.3 Il-membri preżenti approvaw dan it-tibdil.

5.2.4 Il-President talab sabiex il-laqgħa tipproċedi għal *item* numru 5.5 peress li l-Accountant tar-Reġjun kienet preżenti.

5.2.5 Il-membri preżenti qablu dwar dan u għal din ir-raġuni l-President stieden lis-Sa. Romina Perici Ferrante sabiex tindirizza lill-membri.

## 5.5 Rapporti

5.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li l-Accountant tar-Reġjun kienet ser tingħaqad magħna b'mod virtwali peress li tinsab imsiefra sabiex tkun tistà tippreżenta l-*Financial Quarterly Report* għal din il-laqgħa. Kopja ta' dan id-dokument kien diġa ntbagħat lill-membri kollha qabel il-laqgħa.

5.5.2 Is-Sa. Romina Perici Ferrante ppreżentat dan ir-rapport u tat spjegazzjoni dettaljata.

5.5.3

Il-President talab il-membri sabiex iressqu d-domandi tagħhom. Peress li ma kien hemm l-ebda domandi, is-Sur Chircop irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante u dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u sekondat mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech.

## 5.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Bord fuq il-Fondi u l-Finanzi tar-Reġjun*

5.3.1 Il-President ssiuġġerixa li għandu jiġi maħluq dan il-kumitat sabiex ikun hemm diskussjoni aħjar fuq dan is-suġġett umbad dawk ir-rakomandazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni, hu talab lill-membri sabiex iressqu x-xewqa tagħhom jekk iħossu li huma kompetenti fuq dan is-suġġett.

5.3.2 Il-membri preżenti lkoll qablu sabiex is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, flimkien mas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

5.3.3 Is-Sur Dalli enfasizza li dak li jiġi diskuss f'dan il-kumitat dejjem ser jiġi mressaq għall-approvazzjoni tal-membri waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

5.3.4 Il-membri kollha qablu kollha fuq dan il-punt fejn il-bord dejjem ikun qed iressaq biss rakomandazzjonijiet.

- *Cat Feeders*

5.3.5 Il-President informa lill-membri dwar emejl li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsill Lokali ta' Swieqi sabiex nipprovdu informazzjoni dwar il-cat feeders.

5.3.6 Il-President spjega kif bħala Reġjun ġie mitlub sabiex nikkonfermaw jekk kull Kunsill Lokali għandux ir-Reġistru ta' dawn il-*cat feeders* biex permezz ta' hekk dan ir-Reġjun ilaqqa lil dawn il-*cat feeders* flimkien mal-kunsillier rispettiv li huwa responsabli mill-ħarsien ta' l-annimali f'seminar. F'dan is-seminar ikun hemm aktar tagħrif u minn hemm inkunu nistgħu nappuntaw persuna sabiex tara xi bżonn hemm relatat ma' dan is-suġġett.

5.3.7 Is-Sir Chircop spjega kif xi kultant jekk ma jkunx hemm organizzazzjoni u control fuq dawn il-qtates jaf jkunu qed joħolqu nkonvenjenza anke għal *cat feeders* stess fejn jaf jitpoġġa l-ikel tagħhom u jinħoloq ambjent maħmuġ.

5.3.8 Is-Sur Chircop spjega kif aktar informazzjoni dwar dan ser tingħata fil-ġranet li ġejjin.

- *Escooters*

5.3.9 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President spjega li dan is-suġġett għandu jerġa jkompli bid-diskussjoni li kienu bdew lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet u għamel referenza għal proposti li kienu ġew imressqa flimkien ma' espert lil Transport Malta.

5.3.10 Il-President qal li fil-ġranet li ġejjin ser jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet sabiex nkomplu bid-diskussjonijiet ma' l-entitajiet ikkonċernati.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

5.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mill-membri sabiex tiġi mressqa f'din il-laqgħa.

## 5.6 Uffiċċju Għal Kunsill Reġjonali Lvant

5.6.1 Il-President għamel referenza għar-rapport li kien ġie ppreparat mill-Perit Joe Buġeja bl-ispazju li l-uffiċċju tar-Reġjun għandu jkollu u fakkar lill-membri li kopja ta' dan id-dokument kien intbagħat permezz ta' emejl qabel din il-laqgħa.

5.6.2 Il-President qal ukoll kif kopja ta' dan id-dokument ġie mgħoddu lill-avukat tar-Reġjun sabiex jgħatina gwida ta' kif dan ir-Reġjun għandu jipproċedi sabiex tkun tistà tinħareġ espressjoni ta' interess.

5.6.3 Il-President qal ukoll kif f'dan ir-rapport saret ukoll referenza għall-uffiċċju li dan ir-Reġjun qed juża fil-preżent bħala uffiċċju amministrattiv u spjega kif l-avukat kien avviċinat dwar sabiex ikun jistà anke jivverifika t-talba li saret minn sid l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll sabiex il-pagament jibda jkun indirizzat lis-Sa Soler.

5.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif, fuq konferma mill-avukat tar-Reġjun, il-pagament ta' ħlas li kien pendenti ġie nkluż fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser ikunu qed jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-membri fl-aħħar ta' din il-laqgħa.

5.6.5 Il-President kompla jgħid kif l-avukat ipprepara il-kuntratt flimkien ma' dokument ieħor sabiex dan jiġi ffirmat bejn sid il-post flimkien mar-Reġjun ġalardarba jkun hemm approvazzjoni mis-sid.

5.6.6 Is-Sur Chircop qal ukoll li dawn id-dokumenti ntbagħtu lill-avukat tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex nikkonfermaw li dawn id-dokumenti provduta mill-avukat tar-Reġjun huma skond kif inhu meħtieġ. Aġġornament dwar dan jingħata kif dan ir-Reġjun jingħata direzzjoni mid-Diviżjoni.

## 5.7 Proġett Reġjonali – 'Kisbiet Minsija'

5.7.1 B'Referenza għal dan il-proġett, il-President spjega kif l-uffiċċju qed jgħamel l-arranġamenti neċessarji sabiex tinżamm *launch* uffiċjali ġew The Imperial, Sliema, nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 2022.

5.7.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri li dan l-avveniment mhux ser ikun itwal minn siegħat w nofs u ser ikun miftuħ għar-residenti f'din id-dar flimkien mal-familjari tagħhom, kif ukoll dawk in-nisa li pparteċipaw fl-intervisti li saru sabiex itella dan il-proġett.

5.7.3 Is-Sur Chircop qal ukoll kif The Imperial offrew il-post mingħajr ħlas kif ukoll ikel u xorb ħafifa li ser jingħata wara dan l-avveniment. Minkejja dan, is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex isir vijow ta' introduzzjoni li ser jintwera f'dan l-avveniment u li umbad ser inkun poġġut fuq il-midja soċjali tar-Reġjun kif ukoll fuq il-website tar-Reġjun, kif ukoll għall-inviti, Sistema tas-sound u fotografu.

5.7.4 Il-President fakkar kif kopja ta' dawn il-kwotazzjonijiet kienu ntbagħtu lill-membri qabel din il-laqgħa u l-membri preżenti qablu fuq l-orħos offerta provduta.

## 5.8 Proġett Reġjonali – Bolol Reġjonali

5.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-proposta li kienet ġiet ippreparata mill-Uffiċjal tal-Kultura, is-Sa Nikki Demajo Albanese, flimkien ma' l-Uffiċjal Manġerjali fuq l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, sabiex isiru bolol Reġjonali għall-ewwel darba.

5.8.2 Is-Sur Chircop spjega kif dawn iż-żewġ uffiċjali aviċinaw artista sabiex tagħmel pittura għal kull lokalità fejn fiha jkun hemm binja storika li tirrappreżanta l-lokalità kif ukoll ikun hemm fjuri jew pjanti marbuta mal-lokalità rispettiva.

5.8.3 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif l-artista, is-Sa Lara Vella, provdiet kwotazzjoni ta' €4,200.

5.8.4 Il-President informa lill-memrbi li kopja tal-kwotazzjonijiet miġbura kienu ntbagħtu lill-membri qabel din il-laqgha sabiex jiġu stampati l-kotba li fihom ser jitpoġġew il-bolol kif ukoll sabiex dawn il-bolol jsir minn Maltapost. Dawn ġew approvati mill-membri preżenti.

5.8.5 Is-Sur Chircop informa lill-membri dwar il-*launch* uffiċjali marbut ma' dan il-proġett li ser jinżamm ġewwa the Malta Posta Museum & Arts Hub nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022 min-12:30pm sas-2:30pm.

5.8.6 Is-Sur Chircop żied jgħid kif f'din il-*launch* ser ikun hemm eżebizzjoni tal-pitturi li ser tkun miftuħa wkoll għall-pubbliku għal perjodu ta' ġimgħatejn (sal-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2022).

5.8.7 Il-President issuġġerixxa sabiex kull Kunsill Lokali jorganizza serata qasira f'post adekwat fil-lokalità sabiex jgħamel eżebizzjoni għar-residenti tiegħu u kif l-ispejjeż għal din is-serata għandhom isiru mill-Kunsill Lokali rispettiv.

5.8.8 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

5.8.9 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet li nġabru sabiex l-avveniment isir f'dan il-mużew kif ukoll preżż għall-ikel u xorb ħafifa li ser jiġu servuti f'bibita żgħira wara l-ftuħ, kif ukoll għal servizz ta' *printing* professjonali sabiex kull pittura tiġi pprintjata.

5.8.10 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjonijiet provduta.

## 5.9 Proġett Reġjonali – *Regional Cultural Treasure Hunt*

5.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta li ġiet ippreparata mill-Uffiċjal Kulturali tar-Reġjun, is-Sa Nikki Demajo Albanese, li huwa proġett Reġjonali immirat għat-tfal.

5.9.2 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-proġett ser ikun fuq żewġ livelli fejn ser tiġi kkreata *App* kif ukoll passaport li jkun jistà jiġi wżat minn kulħadd bil-ħsieb li meta l-familji jkunu qed iżuru wieħed mit-tnax-il lokalità fi ħdan ir-Reġjun jkunu jistgħu jgħamlu dawn l-attivitajiet flimkien u nrawmu kurżitajiet kulturali li jaf intilfet l-importanza tagħhom matul iż-żmien.

5.9.3 Il-membri preżenti ssuġġerixxu li l-iskejjel għandhom ikunu jafu b'dan il-proġett sabiex navviċaw l-istudenti aktar mill-viċi.

5.9.4 Is-Sur Chircop spjega kif l-passaport ser ikunu miktuba bil-malti kif ukoll bl-ingliż u żied jgħid kif *launch* uffiċċjali dwar dan ser tinżamm f'Lulju 2022 fejn aktar dettalji ser jintbagħtu aktar il' quddiem.

5.9.5 Il-membri approvaw dan il-proġett kif ukoll l-kwotazzjoniet imressqa sabiex dan il-proġett ikun jistà jsir.

## 5.10 Proġett Reġjonali – *Welcome Pack* fl-Iskejjel

5.10.1 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta li ġiet ippreparata mill-Uffiċjal Maniġerjali responsabli mill-*Waste Management*, is-Sur Ryan Zammit, sabiex jiġi mixtri stationery li jkollhom bżonn tfal li jibda skola fl-ewwel sena tal-primarja kemm fl-iskejjel ta' l-istat kif ukoll dawk tal-privat.

5.10.2 Is-Sur Chircop spjega x'ser ikunu l-affarijiet li ser jingħataw u li dawn ser ikunu minn materjal riċikabli kif ukoll l-*isprout pencil* ser ikollu żerriegħa sabiex ikun hemm proġett abbinat ukoll biex jinżraw aktar pjanti fl-iskejjel.

5.10.3 Il-President ippreżenta l-kwotazzjoni neċessarji (pockets, lapsijiet tal-kulur, u *sprout pencils*) sabiex isir dan il-proġett u l-orħos kwotazzjonijiet ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 5.11 Sports Day 2022

5.11.1 Il-President fakkar lill-membri dwar dan l-avveniment li kien jinżamm mir-Reġjun preċedenti fis-snin li għaddew minn barra l-aħħar sentejn minħabba l-pandemija ta' COVID19.

5.11.2 Is-Sur Chircop spjega li hekk kif jidher li din il-pandemija tinsab taħt kontroll, inżammet laqgħa mas-Sur Marvin Spiteri nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022 sabiex nevalwaw si-sitwazzjoni u tiġi diskussa l-possibilità li dan l-attività terġa tinżamm din is-sena.

5.11.3 Is-Sur Chircop spjega kif kien hemm qbil sabiex din l-attività tinżamm f'ottubru li ġej fuq tliet ġranet, nhar ta' Ġimgħa, sabiex it-tfal ikun maqsumin fi tliet gruppi u l-ammont ta' tfal ma jkunx kbir minħabba l-pandemija.

5.11.4 Is-Sur Chircop spjega wkoll li bħala proġett ir-Reġjun dejjem ħa ħsieb t-transport minn kull skola, li jiġi provdut frott u ilma waqt l-avveniment, kif ukoll tagħmif sportif u ambulanza.

5.11.5 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu u għal din ir-raġuni ser jibda jsir l-preparamenti meħtieġa.

## 5.12 Tenders

5.12.1 Il-President semma li dan ir-Reġjun ġabra kwotazzjoni mingħand is-Sur Chris Falzon sabiex jibda jgħin lis-Segretarju Eżekuttiv fil-preparamenti meta tkun ser tinħareġ sejħa pubblika fuq is-sistema.

5.12.2 Il-President fakkar lill-membri li fil-laqgħa li ġejjin ser jiġu ppublikati s-sejħa għal servizz ta' Mechanical Engineer kif ukoll is-Sejħa sabiex jsir il-proġett tal-VR Tours.

5.12.3 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

## 5.13 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

5.13.1 B'Referenza għal dawn il-vakanzi, il-President informa lill-membri li l-impjegata nfurmat ls-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun bil-miktub li hi tixtieq taqleb minn Full Time għal Part Time mill-1 ta' Ġunju 2022 u kif għal din ir-raġuni s-Sa Galea nfurmat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar dan.

5.13.2 Il-President kompla jgħid kif id-Diviżjoni taw l-approvazzjoni tagħhom u għal din ir-raġuni nħareġt internal call fl-uffiċċju u internal call fir-Reġjuni u Kunsilli Lokali. Peress li din is-sejħa għalqet nhar it-Tnejn 25 t'April 2022, u peress li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda applikazzjoni, is-Sa Galea nfurmat lil Jobsplus sabiex tkun tistà tirċievi lista ta' persuni eleġibli mill-Jobsplus.

5.13.3 Is-Sur Sur Chircop informa lill-membri kif aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

5.13.4 Il-President għamel referenza fuq il-pożizzjoni ta' Reġistratur li għadha vakanti u li dan l-uffiċċju qed jistenna lid-Diviżjoni jgħamel t-tibdiliet neċessarji sabiex din is-sejha tkun tistà terġa tinħareġ.

5.13.5 Il-President għamel referenza wkoll għal pożizzjonijiet ta' l-Uffiċjali Reġjonali fejn kellhom jinżammu l-intervista għall-pożizzjoni fuq Proġetti u l-ieħor għall-Fondi Lokali/Unjoni Ewropea.

5.13.6 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif l-intervisti kienu skedati li jinżammu nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022 mill-bord kompost mill-President flimkien mas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa. Yvonne Bartolo, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea.

5.13.7 Is-Sur Chircop spjega kif l-unika applikant li kien ser jattendi għall-pożizzjoni ta' Fondi Lokali/Unjoni Ewropea nfurmana ġurnata qabel l-intervista li kien ġie magħżul għall-pożizzjoni oħra u għal din ir-raġuni ma kien hemm ħadd aktar biex din il-pożizzjoni tiġi mimlija.

5.13.8 Is-Sur Chircop qal kif saret l-intervista ma' l-unika applikant għall-pożizzjoni ta' *Projects Manager* u kif il-bord irrakomanda li l-persuna hija adekwata għal din il-pożizzjoni u għandha tkun magħżula.

5.13.9 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma lil-applikant.

## 5.14 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Malta Cooperative Federation*

5.14.1 Il-President informa lill-membri preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekutiv attendew għall-laqgħa ta' introduzzjoni ma' żewġ rappreżentanti minn din il-federazzjoni.

5.14.1 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa żvilluppaw idejat ta' proġetti li jistgħu jiġu kkunsidrati. Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex jinħoloq kumitat mill-membri preżenti sabiex dawn l-ideat u oħrajn jiġu diskussa aktar fil-fond.

5.14.2 Il-membri preżenti qablu dwar dan u għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, u mill-Viċi Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, flimkien mal-President u fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

- *Avukat tal-Kunsill Reġjonali Lvant*

5.14.3 Il-President informa lill-membri dwar il-laqgħa ta' introduzzjoni li nżammet ma' l-avukat il-ġdid, Dott. Mifsud flimkien ma' Dott. Radmilli, nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2022 fejn ġew imressqa diversi punti dwar ir-Reġjun.

- *Seminar ta' introduzzjoni mill-uffiċjali Reġjonali*

5.14.4 Il-President informa lill-membri preżenti dwar dan is-seminar li nżamm mas-Segretarju Eżekuttivi nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2022 ġewwa The Palace Hotel, Sliema. Is-Sur Chircop informa lill-membri li kien hemm preżenza tajba tal-maġġoranza tas-Segretarji Eżekuttivi.

5.14.5 Il-President informa lill-membri kif dan l-istess seminar reġa nżamm nhar is-Sibt 9 t'April 2022 għas-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera, ġewwa The Palace, Sliema. Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti u nforma lill-membri li kopja tal-preżentazzjonijiet li saru ġew iċċirkulati permezz ta' emejl.

- *GSE Technologies*

5.14.6 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 24 ta' Marzu 2022 flimkien ma' rappreżentanti mill-GSE Technologies sabiex isir proġett pilota dwar smart benches.

5.14.7 Il-President ta spjegazzjoni dwar din il-laqgħa u ssuġġerixxa li tinżamm laqgħa ta' informazzjoni dwar dan.

5.14.8 Is-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, offra li din il-laqgħa tistà tinżamm fis-sala tal-Kunsilli Lokali Swieqi.

5.14.9 Il-President irringrazzja lis-Sur Muscat u ser jiġi kkordinata l-loġistika neċessarja sabiex tinżamm din il-laqgħa f'data u ħin konvenjenti għall-Kunsill. Dettalji dwar dan il-laqgħa ser tiġi kkomunikata lill-Kunsilli Lokali fil-ġranet li ġejjin.

- *Skemi Finanzjarji tal-Kunsill Reġjonali Ċentru*

5.14.10 Il-President informa lill-membri kif matul ix-xharejn li għaddew dan ir-Reġjun baqà jirċievi korrispondenza mill-Kunsilli Lokali sabiex jiġu rimburżati għall-iskemi.

5.14.11 Is-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex Jekk il-membri jaqblu, kull document għandu jiġi mressaq sa ġimgħa qabel il-laqgħa tar-Reġjun f'Mejju 2022.

5.14.12 *19:30pm - Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra*

- *European Region of Sports 2023*

5.14.13 Il-President informa lill-membri kif is-Sur Hugo Alonso infurmana li ser iżur Malta bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2022. Għal din ir-raġuni saret laqgħa mas-Sur Kenneth Vella u s-Sur Michael Fenech Adami sabiex ikun hemm diskussjoni dwar dak li hu mistenni mir-Reġjun.

5.14.14 Is-Sur Chircop żied jgħid kif is-Sur Hugo Alonso infurmana li ser ikun hawn preżenti delegazzjoni ta' sitt persuni u għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun irid iħallas għall-titjiriet ta' l-arju kif ukoll għall-akkomodazzjoni. Matul il-ġranet li għaddew il-biljetti ta' l-arju ġew ffinalizzati u jonqos biss l-akkomodazzjoni.

5.14.15 Il-President qal ukoll dwar laqgħa li nżammet ma' l-Onor. Clifton Grima sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett u sabiex hu jkun preżenti għall-konferenza ta' l-istampa li ser tinżamm waqt din iż-żjara.

5.14.16 Is-Sur Chircop qal ukoll li dan ir-Reġjun ġie avviċinat mis-Sur Fenech Adami fejn esprima x-xewqa tiegħu li jkun il-koordinatur ta' dan il-proġett u kif ser tinżamm laqgħa miegħu sabiex jiġi stabillit l-irwol u r-responsabilitajiet li ser ikollu relatat ma' din il-pożizzjoni.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

5.14.17 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022 dan ir-Reġjun irċieva t-tieni tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja bl-ammont ta' €145,833.

5.14.18 *19:53pm - Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *Aġġornament - Art 4 All*

5.14.19 B'referenza għal dan il-proġett, il-President spjega kif nhar il-Ġimgħa l-1 t'April 2022 inżammet l-ewwel sessjoni ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u rrimarka kif l-attendenza kienet ta' 18-il student.

- *Studju Soċjali fuq Bażi Reġjonali*

5.14.20 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 7 ta' April 2022 imsejħa mid-Direttur ta' l-Istrateġija u Implimentazzjoni tal-Policies, is-Sa. Marisa Pisani, sabiex tiġi diskussa Strateġija dwar kif ser tinħareġ sejħa pubblika sabiex isir dan l-istudju.

5.14.21 Is-Sur Chircop spjega kif il-punt ta' tluq għandu jkun billi kull Reġjun jiddeċidi jekk din is-sejħa għandiex tinħareġ fuq bażi Reġjonali jew jekk id-Diviżjoni għandhiex toħroġ sejħa waħda f'isem is-sitt Reġjuni. Dan ser jiġi jiswa lir-Reġjun madwar €60,000 u €80,000. Ġie diskuss ukoll kif għandhom jinqabdu persuni adekwati fuq dan is-suġġett sabiex ningħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex ikun jistà jinbena t-tender. Liema persuni/entità ma jistax ikun interessat li li japplika fis-sejħa.

5.14.22 Il-membri preżenti qablu sabiex is-sejħa għandha tinħareġ flimkien

- *Strategija Kulturali Reġjonali*

5.14.23 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2022 flimkien ma' Dott. Valerie Visanich dwar din l-istrateġija wara l-bdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni f'Jannar li għadda. Dott. Visanich tatna *draft* tad-dokument aġġornat u dan ser jiġi diskuss fil-laqgħa skedata magħha għada.

5.14.24 Is-Sur Chircop qal kif aġġornament dwar dan jingħata aktar 'l quddiem.

- *Regional Cultural Coordinator*

5.14.25 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022 fejn is-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-Uffiċjal Kulturali, Nikki Demajo Albanese, kellhom laqgħa ta' introduzzjoni mas-Sinjorina Elyse Tonna li għadha kemm ġiet appuntata bħala *Regional Culture Coordinator* u ser tkun qed tikkomunika ma' l-Uffiċjali Kulturali Reġjonali sabiex ikun hemm komunikazzjoni aħjar.

- *AKL 2022/039 ECAD Membership*

5.14.26 B'referenza għal din iċ-ċirkulari li dan ir-Reġjun irċieva nhar it-Tnejn 11 ta' April 2022, il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet emejl fejn infurmat lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex dawk li huma nteressati li jkunu membri ma jħalsux qabel dan is-suġġett jiġi diskuss f'din il-laqgħa.

5.14.27 Il-President spjega kif hu jemmen dan is-suġġett huwa wieħed importanti u għal din ir-raġuni hu ppropona sabiex il-ħlas ta' €250 kull lokalità tiġi mħalsa mir-Reġjun. Dawk li għandhom aktar min 25,000 resident, il-ħlas huwa dak ta' €1,000 fis-sena.

5.14.28 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti dwar dan is-suġġett, il-membri qablu sabiex dan il-ħlas isir kollu mir-Reġjun.

- *Kunsill Lokali ta' tas-Sliema*

5.14.29 Il-President ressaq fuq il-mejda t-talba li saret minn dan il-Kunsill sabiex jsir proġett ta' tisbiħ fil-Ġnien Bonello De Puis mill-fondi tad-*Developing Funds*.

5.14.30 Is-Sur Chircop spjega kif il-proġett se jiswa madwar €250,000 izda l-Kunsill Lokali ser ikun qed jitlob għal €150,000 DPF fejn €50,000 huma fondi tal-Kunsill u €52,000 oħra fondi li għandna nieħdu taħt skema tal-SPI. Fl-applikazzjoni tagħna, se nitolbu €150,000.

5.14.31 Il-membri preżenti approvaw din it-talba u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lill-avukat tar-Reġjun dwar dan sabiex jiġi pprepara kuntratt bejn dan ir-Reġjun flimkien ma' dan il-Kunsill Lokali.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

5.14.32 Il-President informa lill-membri dwar l-kuntratt li kien ġie ppreparat mill-avukat tar-Reġjun sabiex dan il-Kunsill Lokali jkun jistà jibbenifikaw mill-fondi kollha taħt id-Development Planning Fund sabiex isir proġett – Stazzjon Innovation Centre.

5.14.33 Is-Sur Chircop żied jgħid kif dan il-proġett ser jiswa madwar €500,000 (VAT eskluż) u kif kopja ta' dan il-kuntratt diġa ġie mgħoddi lil Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Kif dan jiġi approvat mill-Kunsill, dan il-kuntratt jiġi ffirmat sabiex jiġi sottomess flimkien ma' l-applikazzjoni neċessarji **(kopja tal-kuntratt).**

- *Sliema A.S.C*

5.14.34 B'referenza għat-talba mressqa minn dan il-klabb, il-President informa lill-membri li l-avukati tar-Reġjun ippreparaw kuntratt aġġornat u ġie ppreżentat lil dan il-klabb għall-approvazzjoni. Hu żied jgħid kif Dott. Testa infurmana li dan il-kuntratt għandu jiġi diskuss internament u ser ikun qed jinfurmana bil-kummenti tiegħu f'isem dan il-klabb.

5.14.35 Is-Sur Chircop qal kif malli dan ikun approvat, ser ikun qed jiltaqgħu ż-żewġ partijiet sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim.

- *Laqgħa Annwali Ġenerali 2022*

5.14.36 Il-President informa lill-membri sabiex din il-laqgħa tinżamm nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 2022, mid-9 ta' filgħodu sa nofsinhar. Wara din il-laqgħa jkun hemm bibita ħafifa għal dawk preżenti.

5.14.37 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura għas-sala u kif sfortunatament l-Urban Valley pero infurmawna li s-sala l-kbira mhux disponibbli.

5.14.38 Il-membri preżenti lkoll qablu sabiex din il-laqgħa tinżamm ġewwa The Palace Hotel skond il-kwotazzjoni provduta.

- *Laqgħa – HORIZON*

5.14.39 Il-President għamel referenza għall-laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 20 ta' April 2022 b'mod virtwali dwar HORIZON sabiex tingħata spjegazzjonli mingħand is-Sur Fabian Borg, mill-Kunsill Lokali tal-Gżira, li qed jieħu ħsieb dan il-proġett.

5.14.40 Wara l-ispjegazzjoni li ġiet mgħotija f'din il-laqgħa, il-President talab jekk il-membri jaqblux li dan il-proġett għandu jingħata s-sapport tar-Reġjun.

5.14.41 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li dan il-proġett għandu jiġi appoġġjat.

- *Website*

5.14.42 Il-President għamel referenza għall-website li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent u li hija marbuta mal-proġett tal-Virtual Tours.

5.14.43 Is-Sur Chircop żied jgħid kif dan ir-Reġjun għandu jkollu website ġdida u eventwalment l-website l-oħra tiġi aġġornata kif ukoll jitkompla l-proġett relata magħha.

5.14.44 Il-President ressaq fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet miġbura u ġie deċiż li tintagħżel l-orħos kwotazzjoni provduta.

- *Midja Soċjali*

5.14.45 Il-President reġa fakkar il-membri dwar l-informazzjoni edukattiva li qed titella fuq is-siti soċjali tar-Reġjun u ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jgħinu billi jgħamlu *share* ta' dawn il-*posts.*

- *Data Protection Officer (DPO)*

5.14.46 Dan ir-Reġjun ressaq fuq il-mejda l-informazzjoni miġbura mingħand il-Kunsilli Lokali dwar jekk dan is-servizz hux qed jingħata minn kuntrattur jew hux marbut ma' xi ħadd mill-impjegati fir-Reġjun. Hu żied jgħid kif hu m jaqbilx mar-responsabilità li ġiet mitfuha fuq xi ħadd mill-impjegati.

5.14.47 Il-President spjega kif fil-preżent dan ir-Reġjun għandu kuntratt ma' BOOM Consultancy Ltd. u dan għandu sa' l-aħħar ta' Mejju 2022 u kif għal din ir-raġuni, jkun ferm important li tittieħed deċiżjoni dwar jekk din is-sejħa għandhiex toħroġ fuq livell Reġjonali jew fuq bażi individwali.

5.14.48 Kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun iġib il-kwotazzjonijiet neċessarja sabiex dan is-servizz jerġa jingħata lir-Reġjun u ssir aktar riċerka li kieku dan is-servizz jingħata fuq bażi Reġjonali billi tinħareġ sejħa pubblika.

- *Kuntratti dwar id-Dwal tat-Toroq*

5.14.49 Il-President ressaq fuq il-mejda l-informazzjoni miġbura mingħand il-Kunsill Lokali dwar jekk dan is-servizz għandux jinħareġ fuq livell Reġjonali.

5.14.50 Is-Sur Chircop żied jgħid kif dan is-suġġett qed jiġi diskuss fil-laqgħat ta' l-AKL u riċentament ġew infurmati mal-Enemalta li ser ikunu qed jgħaddu l-iskeda malli din tkun approvata mill-Gvern.

5.14.51 Kien hemm qbil fost il-membri preżenti sabiex ma tittieħed l-ebda azzjoni f'din il-fazi.

5.14.52 ***20:25pm – Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

5.7.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sekondata mill-Viċi Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 4A u 4B.

5.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 5.8 Mozzjonijiet

5.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 5.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2022.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 ta' Mejju, 2022.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv